# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2287

**Kaz Numru 3086/CC** **Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Joanna Pullicino**

**u**

**Kunsill Malti ghax-Xjenza u t-Teknologija**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**<u>Chairman : Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)</u>**

**Nhar l-Erbgha 7 ta' Mejju, 2014**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellanti Joanna Pullicino fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar l-20 ta' Novembru, 2012, fejn sostniet li t-terminazzjoni tal-impjieg taghha hija wahda ngusta u dan ghaliex l-impieg tal-Appellanti ma kienx wiehed ta' kuntratt definit kif tikkontieni s-Socjeta' ntimata izda wiehed indefinit u dan skond Avv. Legali 51/2007 Reg. 7. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-Appellanti ma kienetx tkeccija ngusta izda terminazzjoni naturali ta' terminu legali ta' mpieg ghal zmien definit.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm disa' seduti fejn sema' l-provi prodotti miz-zewg nahat u evalwa d-dokumenti kollha kif prezentati, kif ukoll it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stabbilit mil-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Joanna Pullicino li minn issa l-quddiem ser tissejjah l-Appellanti kienet assistita mill-Avukat Philip. M. Magri.

Il-Kunsill Malti ghax-Xjenza w Teknologija li minn issa l-quddiem ser jissejjah is-Socjeta' ntimata kien irraprezentat minn Dr. Ing. Nicholas Sammut inizjalment assistit mill-Avukat Alex Perici Calascione u aktar tard mill- avukati Maria Perici Calascione u Roselyn Borg.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

Sa minn Marzu 2004, l-Appellanti kienet ingaggata fuq bazi ta' kuntratti definiti f'diversi karigi mas-Socjeta' ntimata bl-iskop specifiku li tkun qed tahdem fuq ghadd ta' progetti finanzjati minn fondi tal-Unjoni Ewropeja. Fejn l-ahhar kuntratt kien jiskadi fit-30 t'Awwissu, 2012.

Fit-12 t'Awwissu, 2011, qabel ma l-Appellanti harget bil-*maternity leave* hija kienet giet mgharrfa li l-progetti li kienet intrigata minnhom kienu ser jghaddu ghand persuni ohra fejn giet mitluba sabiex taghti '*hand over*'.

In segwitu tal-*maternity leave*, l-Appellanti dahlet lura ghax-xoghol nhar il-11 ta' Dicembru, 2011, fejn innotat li ma kienetx qed tigi moghtija xoghol bhas-soltu.

Fis-6 t'Awwissu, 2012, l-Appellanti staqsiet x'ser tkun il-pozizzjoni taghha mas-Socjeta' ntimata fl-1 ta' Settembru, 2012, fejn f'risposta li hija nghatat erbat ijiem wara, giet mgharrfa li b'referenza ghall-'*Addendum to Contract of Service*' datat 1 ta' Settembru, 2008, l-intrigi taghha fuq il-progett riferut kienu ser jintemmu fit-30 t'Awwissu, 2012 ma l-iskadenza tal-kuntratt.

Sussegwentament l-ETC kienet giet mgharrfa li l-impieg taghha kien gie mitmum f'dik id-data, bir-raguni tkun it-tmiem ta' kuntratt definit.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Dr. Ing. Nicholas Sammut** permezz ta' affidavit xehed illi huwa jokkupa l-kariga ta' Vici-Chairman u Kap Ezekuttiv fi hdan is-Socjeta' ntimata fejn ilu nvolut sa minn 2009. Ix-xhud ta dettalji ta' l-attivitajiet li hija nvoluta fihom is-Socjeta' ntimata b'mod partikolari progetti specifici li jkunu b'terminu definit. Huwa qal li ghal kull progett ikun appuntat *Project Manager* sabiex imexxi l-progett. Spjega li dan l-ingagg ikun ta' natura definita li jigi fi tmiemu ma' tmiem il-progett.

Ix-xhud qal li l-Appellanti kienet giet maghzula bhala *Project Manager* f'okkazjonijiet separati ghal sitt progetti distinti, fejn huwa ta dettalji ta' tali progetti. Huwa spjega f'certu dettall id-dmirijiet li kellha l-Appellanti u stqarr li matul it-terminu ta' dawn il-progetti kienet intlaqghet talba min-naha taghha sabiex hija setghet tahdem fuq bazi ta' *teleworking*.

Ix-xhud qal li l-Appellanti baqghet tithallas b' mod normali matul il-perjodu li hija kienet fuq *maternity leave*.

Ix-xhud kompla billi ta dettalji ta' kif l-Appellanti thallset matul il-perjodu 2007-2012 sakemm kienu spiccaw il-progetti li hija kienet qed tahdem fuqhom.

Ix-xhud insista li l-ingaggi li l-Appellanti kellha mas-Socjeta' ntimata kienu mhallsin bis-siegha ghal zmien definit, fejn dan johrog car mill-kuntratti li kienu jigu ffirmati. U li kienu jindikaw attivita partikolari tal-progetti nfushom.

Ix-xhud fil-waqt li qal li t-tmiem tal-impieg tal-Appellanti sehh ghaliex ma giex imgedded kuntratt ta' xoghol meta dan wasal fi tmiemu, temm ix-xhieda tieghu billi stqarr li l-impieg tal-Appellanti fuq l-ahhar kuntratt kien kundizzjonat bil-fattur li l-posizzjoni taghha kienet *position of trust*.

Meta kien qed jigi kontro-ezaminat, ix-xhud qal li l-Appellanti kienet giet ingaggata fuq kuntratti definiti li kienu bejn Marzu '04 u Frar '07, iehor bejn Mejju '04 u Dicembru '07, iehor bejn Jannar '06 u Dicembru '07, iehor bejn April '08 u Marzu '12, iehor bejn Jannar '08 u Dicembru '11 u iehor li kien minn Mejju '08 sa April '12.

Huwa qal li l-irwol taghha bhala NCP u PCM kienu limitati ghal progetti li kienet intrigata fuqhom fil-progetti u dan fil-posizzjoni taghha bhala *Project Manager*. F'dan l-istadju x-xhud stqarr li l-Appellanti rrifjutat li taghmel xoghol iehor ghajr dak konness mall-progett.

Ix-xhud kompla billi kkonferma li waqt li l-Appellanti kienet fuq *maternity leave* x-xoghol taghha beda jsir minn haddiehor, u mar-ritorn taghha hi flimkien ma' haddiehor komplew fuq il-progett.
F'dan l-ambitu huwa ta spjegazzjoni ta' *policy* li bdiet tigi mhaddma fejn impjegati tal-MCST bi rwol wieghsa kienu qed jigi *deployed* fuq diversi progetti.
Ix-xhud kompla jaghti dettalji ta' kif certi progetti kellhom it-terminu taghhom estiz.
Ix-xhud spjega li fl-ahhar kuntratt, l-Appellanti kienet giet ingaggata '*on a position of trust*' minhabba li hija kellha '*knowhow* specjali' u li l-ingagg taghha kien fuq terminu definit.
Filwaqt illi qal li kien hemm kaz ta' mpjegat li kien fuq kuntratt definit u wara gie maqlub ghal wiehed indefinit, ix-xhud qal li fil-kaz tal-Appellanti dan ma sarx ghaliex l-ingagg kien '*project based*'.
Fi stadju iehor tas-smiegh, ix-xhud informa li huwa m'ghadux impjegat mas-Socjeta' ntimata. Fuq mistoqsija tat-Tribunal jispjega kif galadarba l-Appellanti kient giet ingaggata 'a bazi' li kienet qed tokkupa '*position of trust*' minhabba l-*expertise* taghha, hija kienet giet mitluba tghaddi x-xoghol taghha lil haddiehor meta hija harget bil-*maternity leave*, x-xhud tenna li fl-2010, wara l-ingagg tal-Appellanti li kien sar fl-2008, kienet ittiehdet decizjoni amministrattiva fejn gew ingaggati persuni '*full-time*' sabiex ikunu jistghu jaghmlu xoghol simili u propju kien ghalhekk li x-xoghol taghha seta' jigi mghoddi lil haddiehor.
Ix-xhud kompla li fl-MCST kien hemm kuntratti varji fir-rigward ta' ngaggi definiti jew indefiniti. Spjega li dawk li jaghzlu li jkunu fuq bazi definiti kien ikollhom kundizzjonijiet ahjar, fejn indika li l-Appellanti kienet wahda minn dawn.
Meta reggha mistoqsi mit-Tribunal jekk dawk l-impjegati li prezentamnent kienu fuq kuntratti definiti kienux gew ingaggati 'a bazi ta '*position of trust*' ix-xhud stqarr li minn kemm ilu *Chairman*/*Vice-C'man-CEO* hu, u cjoe mill-2009 u 2010 rispettivament, hadd ma gie mpjegat taht dik il-bazi. Fejn hawnhekk iccara li l-ahhar kuntratt ta' xoghol mall-Appellanti fl-2008, fejn hija kienet giet ingaggata '*on a position of trust'*, kien sar mis-*CEO* ta' qablu.

Ix-xhud kompla li kien hemm persuna wahda biss li kellha kuntratt definit u giet maqluba fuq kuntratt indefinit. U li din il-persuna izda kienet taghmel xoghol ta' *policy* li ma kienx *'project based'*.
Meta mistoqsi mit-Tribunal jekk qabel inghatat l-ahhar kuntratt l-Appellanti kienetx tpoggiet konxja li jekk taccetta dan il-kuntratt definit setghet kienet qed tirrinunzja mid-dritt li tigi meqjusa bhala mpjegata b'mod indefinit, ix-xhud wiegeb li safejn gie spjegat lilu mis-*CEO* ta' qablu, l-Appellanti kienet konxja u sahansidra accettat li jkollha kundizzjonijiet/salarju ahjar minn dawk li kienu mpjegati fuq kuntratt indefinit. Ix-xhud temm l-intervent tieghu billi stqarr li ma jidirlhux li sakemm damet fl-impjieg l-Appellanti, hija qatt talbitu sabiex l-impjieg taghha jigi maqlub ghal wiehed indefinit.

**Charles Attard Bezzina** permezz ta' affidavit xehed illi huwa jokkupa l-kariga ta' *Financial Controller* mas-Socjeta' ntimata u dan sa minn Mejju 2011. Huwa ta' spjegazjoni tax-xoghol li jaghmel, fejn fir-rigward tal-Appellanti qal hija ma kienetx tithallas mill-fondi allokati lis-socjeta' ntimata fil-*budget* tal-Gvern izda kienet tithallas internament minn fondi allokati ta' zewg progetti FP6 u FP7 maghrufa kollettivament bhala *European Union Framework Programmes* b'finanzjament mill-Unjoni Ewropeja.
Dan kien isir, qal ix-xhud waqt il-kontro-ezami, ghaliex l-impieg tal-Appellanti kien essenzjalment wiehed marbut direttament u dipendenti minn progetti tal-Unjoni Ewropeja.
F'dan l-istadju x-xhud gie mitlub sabiex jiccekkja jekk spejjez relatati ma' safar kienux jigu ffinanzjati mill-fondi tal-progett jew mill-*budget* tal-MCST.

**Norbert Gingell** xehed illi huwa jokkupa l-kariga ta' *Assistant Director* f'dipartiment fejn hu responsabbli mir-reklutagg fis-Settur Pubbliku. Filwaqt illi qal li MCST jaqa' taht l-*OPM*, ta' spjegazzjoni ta' kif persuna tigi ngaggata mas-Settur Pubbliku fl-ambitu ta' '*position of trust*'.
Spjega li fir-rigward ta' l-Appellanti huwa kien approva rikjesta maghmula mis-Socjeta' ntimata sabiex hija tigi ngaggata fuq *position of trust* fuq il-progett PF7 u dan fuq bazi *part-time* u ghal perjodu definit ta' 4 snin.

**Dr. Brian Warrington** xehed li huwa kien jokkupa l-kariga ta' *Chief Executive* bejn l-2005-10. Mistoqsi mit-Tribunal x'kienet il-posizzjoni tal-Kunsill meta gew sabiex jaghmlu l-ahhar kuntratt tax-xoghol tal-Appellanti wara sensiela ta' tigdid ta' kuntratti fid-dawl tal-legislazzjoni li jekk l-ingagg jaqbez l-erba' snin allura impjegat jaqa' awtomatikament fuq kuntratt indefinit, ix-xhud wiegeb li sa fejn jaf hu dak iz-zmien, din il-legislazzjoni kienet fil-bidu u zgur li l-Kunsill ma kienx qed jagixxi b'mod li jmur kontra xi ligi pero' stqarr li certu dettalji ma jiftakarhomx ghax ghaddew is-snin. Fuq mistoqsija ohra tat-Tribunal, dwar il-fatt li fuq l-ahhar kuntratt l-Appellanti giet specifikament ingaggata '*on a position of trust*' fejn kienet tgawdi minn kundizzjonijiet ta' xoghol ahjar minn impjegati ohra fil-grad taghha li pero' kienu fuq kuntratt indefinit, ix-xhud qal li l-ingagg tal-Appellanti kien sar bl-approvazzjoni tal-OPM u kompla li r-raguni sabiex saret rikjesta lill-OPM sabiex persuna tigi ngaggata '*on a position of trust*' kienet sabiex tigi ngaggata l-Appellanti minhabba li hija kellha l-esperjenza necessarja sabiex tahdem fuq progett specifiku tal-EU u ghaldaqstant ma jkunx hemm ghalfejn toqghod tghaddi mill-process normali ghar-reklutagg.

**Mario Ciappara** permezz ta' affidavit xehed li huwa r-ragel tal-Appellanti. Qal li kemm ilu jafha minn dejjem kienet impjegata mal-MCST, fejn mill-anqas darba f'xahar kien ikollha issiefer fuq xoghol. Stqarr li hija baqghet taghmel dan anke matul it-tlett gravidanzi li hija kellha matul dan l-impjieg. Spjega kif f'Gunju 2011, fejn hija kienet tqila, waqt triqitha lejn l-ajruport sabiex issiefer fuq xoghol hija hassietha mhux f'sikkietha u marret l-isptar Mater Dei.
Irrakonta kif fl-10 ta' Gunju, 2011, hija giet imsejha ghal-laqgha mas-CEO Dr. Sammut fejn wara qaltlu li 'ta hasla sew' ghaliex falliet milli ssiefer ftit granet qabel u anke meta falliet milli ssiefer lejn Stokkolma f'Dicembru 2010, fejn qal li wara hija kellha tirrifondi €700 bhala spejjez tal-*air-ticket*. Spjega li f'dik il-laqgha Dr. Sammut qal lil martu li galadarba hija kienet qed tfalli s-safar kellha tirrizenja mill-impjieg.
Ix-xhud qal li fl-laqgha li huwa kellu ma' Dr. Pullicino Orlando Chairman tal-MCST spjegalu l-kaz fejn min-naha tieghu dan qallu li huwa ihalli dawn id-decizjonijiet u azzjonijiet f'idejn Dr. Sammut bhala CEO.
Huwa ta' rendikont estensiv tat-trawma li ghaddiet minnha martu kagun tal-mod kif giet ittrattata minn Dr. Sammut fejn kellha l-impjieg taghha mitmum. Trawma skont ix-xhud, li gabet tbatijiet bla bzonn fuq il-familja kolha.

**Joanna Pullicino** l-Appellanti, xehdet b'mod estensiv kemm permezz ta' affidavit u anke f'diversi seduti. Bdiet billi qalet li hija giet impjegata *part-time* direttament mall-MCST fuq progetti ko-finanzjati mill-UE, bhala *Project Manager* f'Marzu 2005 fuq bazi ta' kuntratt definit u dan wara *call for applications*. Spjegat fid-dettall id-doveri li hija kienet twettaq kemm fuq il-progetti propju bhala *Project Manager* u *national contact point/ programme committee member* u anke xoghol relatat ma' Programm ta' Qafas ghar-Ricerka. F'dan il-kuntest hija ghamlet referenza ghall-ittra ta' hatra datata Jannar 2011 fejn tindika li hija kellha tibqa' fil-karigi ta' NCP/PCM.
Spjegat kif kienet ingaggata fuq varji progetti permezz ta' kuntratti definiti minn Marzu 2005 sa Awwissu 2012.
Stqarret li meta kien skada kuntratt minnhom li kien ghalaq fil-31 ta' Dicembru, 2007, hija baqghet fl-impieg u giet moghtija kuntratt definit iehor fl-1 ta' Frar, 2008, b'mod retro-attiv ghall 1 ta' Jannar, 2008. Dan meta suppost kellha tigi maqluba fuq bazi ndefinita peress li kienu qabzu it-tnax il-gurnata kif tistipula l-ligi.
Dwar il-fatt illi fuq l-ahhar kuntratt hija kienet giet ingaggata *'on a position of trust'*, ix-xhud qalet li primarjament hija kienet giet impjegata wara sejha ghall-applikazzjonijiet minn hdan l-ETC, fejn ghaldaqstant it-tigdid tal- kuntratt taghha fi Frar 2008 qatt ma kellu jkun '*on a position of trust*'. Ix-xhud kompliet li d-doveri li kienet titlob il-posizzjoni ma kienx fihom element ta' fiducja aktar minn rikjesti ohra ghal xoghol simili. Qalet li meta ffirmat il-kuntratt li fih kien jinkludi l-klawsola ta' *position of trust* hadd qatt ma spjegala x'riprekussjonijiet legali kien hemm involuti u li permez ta' hekk ma setghetx tikklejmja drittijiet skond il-ligi.
F'dan il-kuntest hija kkwotat ix-xhieda ta' Dr. Warrington fejn qal li l-MCST meta ngaggat lill-Appellanti b'dan il-mod ma riedetx tehles minn xi obbligi legali.Hija kompliet tghid li s-salarju ta' €18 fis-siegha, kif moghti lilha fil-kuntratt ta Frar 2008 kien jaqa' fl-istruttura ta' salarji tal-MCST, fejn hija kienet meqjusa fi skala 5. Spjegat li sa mill-bidu tal-ingagg taghha mall-MCST hija dejjem inghatat il-facilita li tahdem fuq bazi ta' *teleworking* u li dejjem wettqet id-doveri taghha bl-ahjar korrettezza u dan kien manifestat fid-diversi kommunikazjonijiet li hija kellha mas-superjuri u kollegi taghha.
Ix-xhud ghaddiet sabiex tat dettalji tar-ragunijiet ghalhiex hija kienet falliet milli tmur fuq zewg safriet ta' xoghol u cjoe dik ta' Dicembru 2010 lejn Stokkolma u dik ta' Gunju 2011 lejn Brussell. Qalet illi dwar ta' Stokkolma hija kienet irrifondiet aktar minn €700. Spjegat li bejn Jannar u Mejju 2011 hija kienet siefret fuq xoghol 7 darbiet, fejn ghamlet 22 gurnata msiefra.

Ix-xhud ghaddiet biex tat dettalji ta' kif zvolgiet il-laqgha li hija kellha ma' Dr. Sammut nhar l-10 ta' Gunju, 2011. Laqgha fejn hija ntalbet minnu sabiex tissottometti r-rizenja taghha ghaliex fl-opinjoni tieghu hija ma rieditx issiefer.
Ix-xhud stqarret li minn wara dik il-laqgha hija bdiet thoss li l-impjieg taghha kien mhedded. F'dan il-kuntest ix-xhud spjegat kif f'korrispondenza mibghuta lilha minn Dr. Sammut datata 12 t'Awwissu, 2011, hija kienet giet mitluba sabiex b'effett mill-1 ta'Settembru, 2011 hija kellha tghaddi r-responsabilitajiet li hija kellha fuq tlett progetti lill-kollegi taghha u dan sa tmiem il-progetti. Fl-istess ittra hija giet infurmata wkoll li hija ma kienetx ser tibqa' l-*primary contact point* u li kellha tinforma b'dan lill *co-ordinators* tal-progett. Hija harget bil-*maternity leave* fil-15 ta' Settembru, 2011, fejn irritornat lura fil-11 ta' Dicembru, 2011.
Ix-xhud kompliet li fir-ritorn taghha fuq ix-xoghol hija ma tpoggietx fuq id-doveri li kellha ghaliex dawn gew mghoddija lil haddiehor, fejn lanqas biss kellha xoghol x'taghmel. Hija tghid illi skont kif tipprovdi l-ligi hija kellha terggha tinghata lura d-doveri li kienet tesegwixxi fuq il-progetti qabel harget bil-*maternity leave*. Dan b'differenza ghal mod kif kienet giet ittrattata fiz-zewg gravidanzi ta' qabel fejn hija dejjem tpoggiet lura fid-doveri li kienet taghmel qabel harget bil-*maternity leave*.
Dwar dan l-atteggament, ix-xhud qalet li nhar it-23 ta' Dicembru, 2011, hija attendiet laqgha ta' madwar 10 minuti ma' Dr. Sammut, flimkien ma' kollega taghha, fejn inghata l-inkarigu li tiffinalizza xoghol pendenti f'*files* varji qabel issir laqgha ohra fi zmien gimghatejn/tlett gimghat fejn kellha tigi mfissra l-*way forward*. Fis-6 ta' Jannar, 2012, wara li ghamlet ix-xoghol rikjest minnha, x-xhud talbet lis-Segretarja ta' Dr. Sammut sabiex tiltaqa' mieghu, fejn wara bosta attentati u posponimenti saret laqgha nhar il-25 t'April, 2012. Laqgha li pero' kompliet ix-xhud, ma kellha l-ebda ndikazzjoni ta' x-xoghol kienet ser tinghata. Ix-xhud iddeskriviet dan l-agir bhala ndikattiv li l-futur taghha mall-MCST kien wasal fi tmiemu.
Ix-xhud kompliet taghti dettalji ta' kif meta saret taf li l-progett Health NCP NET li kienet tahdem fuqu qabel harget bil-*maternity leave* kien gie estiz sa April 2013, hija nfurmat b'dan lill Dr. Sammut, li min-naha tieghu rrisponda permezz ta' *Email* datata 4 t'April, 2011, fejn infurmaha li ghad li t-tigdid tal-kuntratt tax-xoghol taghha m'huwiex awtomatiku, l-estensjoni kienet ser tigi diskussa aktar il-quddiem. B'dan, u permezz ta' diversi *Emails* ohra, x-xhud qalet li kienet bniet impressjoni li l-kuntratt kien ser jerggha jigi mgedded kif kien sar drabi qabel.

Dwar il-fatt li fl-2009, meta allura diga' kienu ghaddew erba' snin ingagg fuq kuntratti definiti, hija ma kkomplejnatx sabiex tkun meqjusa bhala mpjegata b'mod indefinit, ix-xhud stqarret li ma kienetx konxja mid-drittijiet legali taghha u qatt ma ssusspettat li kienet qed issir xi haga kontra l-ligi fil-konfront taghha, u saret konxja minn dan id-dritt meta l-impjieg taghha gie mitmum fl-2012 u talbet parir legali.
Ix-xhud ikkonkludiet li t-tkeccija mix-xoghol taghha gabet konsegwenzi emozzjonali koroh fuqha u fuq il-familja taghha. Hija kompliet li hija thoss li kien hemm u ghad hemm xoghol bizzejjed fl-MCST sabiex hija tkun ingaggata hemmhekk. Dwar dan hija tat dettalji.
Spjegat li bhalissa hija qieghda tahdem *fulltime* fuq kuntratt definit ta' sentejn, fejn fil-waqt li qed tahdem 40 siegha d-dhul huwa anqas milli kienet iddahhal qabel.
Ix-xhud temmet billi stqarret li hija qatt ma giet infurmata skond il-ligi mill- MCST li kienu jezistu ragunijiet oggettivi sabiex l-impjieg taghha ma jigix konvertit f'wiehed indefinit.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. Roselyn Borg** f'isem is-socjeta' ntimata bbazat l-argumenti taghha fuq it-tezi li t-talba tal-appellanti kienet limitata ghal wahda ta' tkeccija ngusta. Ittrattat fil-fond it-tlett forom ta' argumenti tal-Appellanti u cjoe l-ewwel argument li kien ibbazat fuq  li t-tmiem tal-impjieg taghha kien konness ma' l-ahhar gravidanza tal-Appellanti, it-tieni argument li kien marbut mat-tezi li qabel ma gie ffirmat l-ahhar kuntratt definit ta' xoghol, l-impjieg tal-Appellanti kellu jkun meqjus bhala wiehed indefinit peress li kienu nqabzu tnax il-jum bejn it-tmien u l-bidu ta' l-ahhar zewg kuntratti u l-ahhar argument li kien isostni li l-impjieg tal-Appellanti kellu jkun konvertit minn wiehed definit ghal wiehed indefinit, peress li l-impjieg fuq bazi ta' kuntratti definiti li permezz taghhom kienet ingaggata l-Appellanti kienu qabzu d-durata ta' erba' snin.
Dr. Borg ghamlet diversi referenzi legali fit-trattazzjoni taghha, fejn sahqet fuq il-fatt li l-ahhar kuntratt kien jinkwadra ngagg ibbazat fuq '*a position of trust*'.
Dr. Borg ghalqet billi sostniet f'dan il-kaz partikolari s-Socjeta' ntimata agixxiet b'mod gust u b'mod xieraq.

**Dr. Philip.M.Magri** ghan-nom tal-Appellanti beda l-argumentazzjoni tieghu billi spjega li t-tmiem tal-ingagg tal-Appellanti seta' kellu ma' l-ahhar tqala taghha, fejn argumenta li seta kien il-fatt li peress li hija diga' kienet gawdiet minn beneficcji lavorattivi konnessi mall-maternita ghal tlett darbiet, is-Socjeta' ddecidiet li ma tergax toffrilha kuntratt ta' xoghol.
Dr. Magri ghadda sabiex ittratta kemm it-tezi ta' l-iskadenza tat-tnax il-jum bejn kuntratt u iehor u l-fatt li l-Appellanti kienet skorriet l-erba' snin xoghol a bazi ta' kunratti definiti, fejn sostna li kagun ta' kull kaz l-impjieg tal-appellanti kellu jkun konvertit ghal wiehed indefinit.
Dr. Magri ttratta wkoll l-inserir tal-klawsola '*a position of trust*' fl-ahhar kuntratt tax-xoghol tal-Appellanti ma tistax tkun interpretata bhala raguni oggettiva sabiex l-impjieg tal-Appellanti ma jkunx konvertit ghal wiehed indefinit u dan principalment ghaliex in-natura tax-xoghol li kienet taghmel ma kienetx tikklassifika bhala '*a position of trust*'.
Dr. Magri incita diversi referenzi legali fl-argumentar tieghu u ghalaq it-trattazzjoni tieghu billi sostna li tali kliem fil-legislazzjoni qatt ma kien intiz sabiex iservi ta' '*bypass*' li permezz tieghu ngaggi b'kuntratti definiti fis-settur pubbliku ma jkunux jistghu jigu konvertiti ghall-impjiegi b'mod indefinit.

- **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Sabiex wasal ghad-decizjoni tieghu dan it-Tribunal hass li kellu jittratta l-kaz fuq binarji varji li pero' huma allaccjati ma' xulxin.

L-Appellanti fir-rikors taghha sostniet li l-ahhar kuntaratt ta' xoghol li kellha ma kienx gie estiz minhabba cirkostanzi konnessi ma' l-ahhar tqala taghha. It-Tribunal jinnota li matul it-tragitt tal-impjieg taghha mas-Socjeta' ntimata, l-Appellanti kienet tqila drabi ohra u qatt ma lmentat minn xi trattament mhux xieraq, fejn sahansidra l-kuntratti definiti ta' xoghol baqghu jigu maghmula sakemm wasal l-ahhar wiehed u li kien iffirmat nhar l-1 ta' Frar, 2008, u li kien ikopri l-perjodu 1/1/08-31/12/11, fejn wara kien gie eztiz permezz ta' zewg addenda sa Awwissu 2012.

Tul dan il-process l-Appellanti ma ressqet l-ebda argument konvincenti li permezz tieghu t-Tribunal seta' jasal ghall-konkluzjoni li t-temm tal-impjieg seta' kien konness mat-tielet tqala taghha.

l-Appellanti ilmentat li l-atteggament ta' Dr. Sammut lejha kien hzien wara li hija rrifjutat safra konnessa max-xoghol u dwar xi xoghol li kienet tinghata jew ma kienetx tinghata wara li dahlet mill-*Maternity Leave* . Dawn l-ilmenti ghamlithom mhux waqt li kienet ghadha impjegata izda wara li ntemm l-ahhar kuntratt tax-xoghol u ma regghax sar iehor kif kien sar fis-snin ta' qabel.

It-Tribunal jistaqsi li kieku appena skada l-ahhar kuntratt kien sar kuntratt ta' xoghol iehor, dawn l-ilmenti kienu jitqajjmu ?

L-Appellanti argumentat ukoll li wara li kien gie fi tmiemu kuntratt ta' xoghol li kien skada fil-31 ta'Dicembru, 2007, u l-fatt li kien fl-1 ta' Frar, 2008, meta hija kienet iffirmat kuntratt ta' xoghol b'sehh mill-1 ta' Jannar, 2008, li *status* tal-impjieg taghha kellu jkun ikkunsidrat bhala wiehed indefinit galadarba qabzu tnax-il gurnata bejn it-tmiem ta l-ahhar kuntratt u l-iffirmar tal-kuntratt gdid. U dan skont kif provdut f'Art.34(2) Kap 452.

Dan l-argument kien jghodd li kieku l-impjieg 'in kwistjoni' ma kienx jinvolvi entita li ma kienetx fis-Servizz mall-Gvern. Is-Socjeta' ntimata hija entita fi hdan is-Settur Pubbliku u ghaldaqstant fir-rigward taghha tapplika l-Legislazzjoni Sussidjarja 452.99, fejn propju Art.2 jipprovdi li l-Artiklu incitat fil-paragrafu ta' fuq ma japplikax fil-kuntest taghha.

Izda, il-pern ewlieni ta' dan il-kaz huwa jekk it-temm tal-impieg tal-Appellanti, liema impieg kien maghmul minn sensiela ta' kuntratti definiti, kienx wiehed gust wara l-iskadenza ta' l-ahhar kuntratt. Kuntratt li kien kundizzjonat billi l-ingagg kien sar '*in a position of trust*'.

It-Tribunal ried jasal ghad-decizjoni fl-ambitu tal-legislazzjoni ( LS 452.81) li taghti d-dritt lill-impjegat li mpieg b'kuntratt definit jitqies bhala wiehed indefinit appena jiskorru erba' snin xoghol.

Il-legislazzjoni riferuta tindirizza din is-sitwazzjoni b'mod dirett fejn tindika li Principal jista' biss izomm impjegat fuq kuntratt ta' terminu ta' zmien fiss aktar minn erba' snin meta dik iz-zamma tkun gustifikata b'ragunijiet oggettivi.

Fost ir-ragunijiet oggettivi l-legislazzjoni riferuta tindika jekk l-impjegat jokkupa posizzjoni fejn iz-zamma ta' livell oghla ta' fiducja jkun mehtieg minhabba fix-xorta tal-posizzjoni jew meta livell oghla ta' fiducja personali jkun b'mod oggettiv element sessenzjali tar-relazzzjoni ta' l-impieg.

Legislazzjoni cara  u li taghraf tiggwida sew kull deliberazzjoni sakemm il-kaz ma jkunx fih certu elementi li jisfumaw tali kjarezza.

Dan il-kaz ittarttat kien mizghud b'tali elementi.

Fil-kuntest tal-fatti li hargu matul dan il-process, it-Tribunal jistqasi li kieku l-ahhar kuntratt ta' xoghol li kellha l-Appellanti kien reggha gie estiz jew inghatat kuntratt definit iehor, hija kienet tinsisti ghad-dritt taghha li l-impjieg taghha jigi konvertit ghal wiehed indefinit? U dan meta l-Appellanti kienet ben konxja li peress li kienet fuq kuntratt definit hija kienet qieghda tgawdi minn rata ta' hlas ghola minn kollegi fuq kuntratt indefinit.

X'aktarx, li izjed le milli iva. U dan ghall-fatt illi l-Appellanti qatt ma qajjmet dan l-argument matul il-perjodu ta' l-ahhar kuntratt, u kien biss meta hija saret konxja li tali kuntratt ma kienx ser jigi mgedded u li ma kienetx ser tinghata kuntratt iehor li hija nsistiet fuq dan id-dritt.

Izda dan l-agir, icahhad lill-Appellanti mid-dritt li taghtija l-legislazzjoni riferuta aktar il-fuq?

It-Tribunal jghid li le, li kieku pero', dan l-impieg ma kienx kundizzjonat mill-fatt li l-ingagg kien wiehed '*in a position of trust*'.

Dan l-element gie ikkontestat mill-Appellanti fejn gie sostnut li d-doveri mwettqa mill-Appellanti ma kienux jikkostitwixxu l-ebda livell ta' *trust* meta komparati ma' ohrajn simili mwettqa minn kollegi taghha. U allura tali frazi ma kienetx mehtiega fil-kuntratt tax-xoghol.

Min-naha tas-Socjeta' ntimata gie konstatat li l-Appellanti kienet akkumulat livell ta' *expertise* f'tali doveri li mhux facli issibu ghand kullhadd u kien ghalhekk li kienet saret rikjesta lill-Ufficcju tal-Prim Ministru sabiex tinghata approvazzjoni li l-ingagg isir f'dan is-sens u cjoe li l-ingagg isir bhal wiehed '*in a position of trust*'.

It-Tribunal fil-waqt li ghandu l-opinjonijiet tieghu dwar dan, mhuwiex ser jidhol f'din il-litigazzjoni. Dan ghaliex tali approvazzjoni sabiex l-ingagg tal-Appellanti ikun kundizzjonat minn din il-klawsola kienet giet deciza mill-Ufficcju tal-Prim Ministru, kif xehed l-Ufficcjal inkarigat Norbert

Gingell. Barra minnhekk il-kompetenza tat-Tribunal hija limitata ghal jekk it-tmiem tal-impjieg tal-Appellanti kienx gust jew le u mhux dwar il-validita 'o meno' ta' xi klawsola partikolari fil-kuntratt tax-xoghol.

Fil-*Contract of Service* iffirmat bejn is-Socjeta' ntimata u l-Appellanti nhar l-1 ta' Frar, 2008 u li kien ikopri l-perjodu 1/1/08-31/12/11, u propju f'Art 2.01, kien hemm indikat b'mod car li l-ingagg kien 'a bazi' ta '*a position of trust*'. Addendum ghal dan il-kuntratt bl-istess kundizzjonijiet kienet saret f'Mejju 2008 b'validita sa April 2012 u sahansidra Addendum iehor bl-istess kundizzjonijiet kien sar f'Settembru 2008 u li kien jaghlaq fit-30 ta' Awwissu, 2012. Li tfisser li l-Appellanti kienet mgharrfa sew li l-ingagg taghha kien wiehed definit u li kien 'a bazi' ta' raguni oggettiva.

L-Appellanti, persuna ta' livell akkademiku mhux baxx, sostniet li hija ma kienetx konxja mir-riprekussjonijiet ta' tali klawsola fil-kuntratt taghha.

It-Tribunal isibha ferm difficli li jaccetta din bhala spjegazzjoni.

- **Decizjoni**

Tenut kont tal-mod kif gew ipprezentati l-fatti f'dan il-process, it-Tribunal, ma jhossx li t-tmiem tal-impjieg tal-Appellanti jikkosttwixxi tkeccija u 'molto di piu ngusta'. Imma jikkunsidra li din kienet terminazzjoni ta' mpjieg li sehhet ma' l-iskadenza ta' kuntratt tax-xoghol fuq perjodu definit.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**